KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 10.12.2004
KUMM(2004) 806 finali

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/631/KE tal-25 ta' Awwissu 2003 li tadotta miżuri rigward il-Liberja taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' sħubija ACP-KE f'każ ta' urġenza speċjali**

(preżentata mill-Kummissjoni)

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Ftehim ta' paċi konkret iffirmat bejn il-Gvern ta' qabel tal-Liberja, żewġ fazzjonijiet ta' ribelli, soċjetà ċivili u partijiet politiċi f'Akkra f'Awwissu 2003 temm effettivament 15-il sena ta' gwerra ċivili fil-Liberja u wassal għall-ħolqien ta' amministrazzjoni transitorja. Il-mandat ta' l-amministrazzjoni transizzjonali huwa li jwassal mill-ġdid is-sigurtà lill-pajjiż bl-għajnuna tal-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti ġewwa l-Liberja, biex l-ekonomija tinġieb fuq saqajha, biex tiddaħħal mill-ġdid l-infrastruttura soċjali u biex jitħejjew elezzjonijiet demokratiċi leġislattivi u presidenzjali f'Ottobru 2005.

2. L-Unjoni Ewropea ddeċidiet li tikkontribwixxi għall-proċess ta' paċi u transizzjoni fil-Liberja u mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/631/KE "Li tadotta miżuri li jikkonċernaw il-Liberja taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta Sħubija KE-ACP f'każ ta' urġenza speċjali", fondi saru disponibbli u kundizzjonijiet taħt liema l-fondi setgħu jiġu użati ġew iddefiniti. Id-deċiżjoni stipulat li jiġi żgurat segwitu regolari permezz ta' djalogu politiku intensiv u verifiki poltiċi li jsiru kull sitt xhur. Dan id-djalogu għandu jkun imsejjes fuq ir-riżultat tal-konsultazzjonijiet magħmula taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija KE-ACP kif stipulat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/274/KE. Id-deċiżjoni pprovdiet ukoll li l-miżuri ser jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2004.

3. Verifiki attwali tas-sitwazzjoni politika fil-Liberja juru li wara sena mid-data li fih l-amministrazzjoni transizzjonali ħadet il-kariga tagħha, is-sitwazzjoni tas-sigurtà tjiebet wara l-iskjerament tal-forzi UNMIL u l-implimentazzjoni tal-proċess ta' diżarmament u demobilizzazzjoni. Minkejja kollox, jibqa' inkwiet serju, dwar it-tmexxija tal-finanzi pubbliċi mill-amministrazzjoni transizzjonali u l-impriżi ta' l-Istat u dwar il-livell għoli ta' korruzzjoni. Minbarra dan, il-Kummissjonijiet tal-Gvern maħluqa taħt il-Ftehim ta' Paċi Konkret sa llum il-ġurnata urew progress insuffiċjenti fl-implimentazzjoni tal-mandati tagħhom biex itejbu l-iggvernar u t-trasparenza. Passi oħra biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem huma ukoll meħtieġa.

4. Minħabba fil-progress politiku insuffiċjenti miksub sa din il-ġurnata, it-tneħħija tal-miżuri xierqa mhijiex iġġustifikata u d-djalogu politiku intensiv mal-gvern transizzjonali bil-għan li jitjieb ir-rispett fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, demokrazija, id-dritt tal-liġi u ggvernar tajjeb għandhom għalhekk jibqgħu jiġu mfitxxija wara li jiġu eletti b'mod demokratiku President u gvern li jidħlu għar-responsabbilitajiet tagħhom. Għal dan il-għan il-Kummissjoni tikkunsidra li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/631/KE tal-25 ta' Awwissu 2003 għandha tkun estiża għal perijodu ta' 18-il xahar.

Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi lill-Kunsill li temenda d-deċiżjoni msemmija qabel u tadotta d-deċiżjoni hawn mehmuża.

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/631/KE tal-25 ta' Awwissu 2003 li tadotta miżuri rigward il-Liberja taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' sħubija ACP-KE f'każ ta' urġenza speċjali**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE li daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2003 u b'mod partikolari l-Artikolu 96,

Wara li kkunsidra l-ftehim intern dwar miżuri li għandhom jittieħdu u proċeduri li jridu jiġu segwiti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE[1] u, b'mod partikolari, l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[2],

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/274/KE tal-25 ta' Marzu 2002 biex jiġu konklużi l-konsultazzjonijiet mal-Liberja taħt l-Artikoli 96 u 97 tal-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE jipprovdi għall-adozzjoni ta' miżuri xierqa li jaqgħu taħt l-Artikolu 96(2)(c) u l-Artikolu 97(3) tal-Ftehim ta' sħubijia ACP-KE;

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003.631/KE tal-25 ta' Awwissu 2003 li jadotta miżuri dwar il-Liberja taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' sħubija KE-ACP f'każ ta' urġenza speċjali jipprovdi għall-adozzjoni ta' miżuri xierqa ġodda li jaqgħu taħt l-Artikolu 96(2)(c) u l-Artikolu 97(3) tal-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE;

(3) Il-kundizzjonijiet preżenti fil-Liberja s'issa għadhom ma jiżgurawx rispett għall-prinċipji demokratiċi, ggvernar u l-liġi tar-regola tad-dritt.

(4) Huwa għalhekk meħtieġ li l-perijodu ta' validità tal-miżuri ipprovdut għalih fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/631/KE jiġi estiż u biex jitkompla d-djalogu politiku intensiv mal-Gvern tal-Liberja.

1 ĠU L 317, 15.12.2000, p. 376.
2 ĠU L […], […], p. […].

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/631/KE tal-25 ta' Awwissu 2003, ser jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2006. Din id-data ma tipprekludix xi data ta' skadenza speċifika li tinsab fl-istrumenti finanzjarji koperti minn din id-Deċiżjoni.

L-ittra li tidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni ser tkun indirizzata lill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin tal-Liberja.

*Artikolu 2*

Ir-riżultat tal-konsultazzjonijiet kif stipulat fl-abbozz ta' ittra annessa mad-Deċiżjoni 2002/274/KE mhux ser jiġi affettwat.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni ser tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Id-Deċiżjoni ser tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, […]

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## ANNESS

ABBOZZ TA' ITTRA LILL-MINISTRU TA' L-AFFARIJIET BARRANIN TAL-LIBERJA

E.T is-Sur Thomas Nimely Yaya
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin
Monrovja
Il-Liberja

Għażiż Ministru,

Bl-ittra tagħha Nru SGS3/7429 tas-27 ta' Awwissu 2003, l-Unjoni Ewropea għarrfet lill-Gvern tal-Liberja bl-intenzjonijiet tagħha li takkumpanja l-proċess ta' paċi tal-Liberja fuq il-bażi tal-Ftehim Konkret ta' Paċi. L-ittra ukoll stipulat li l-Unjoni Ewropea ser issegwi mill-qrib l-iżvilupp politiku u r-riformi transitorji f'pajjiżek waqt li tkompli d-djalogu politiku intensiv imsejjes fuq l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE u r-riżultat aħħari tal-konsultazzjonijiet kif stipulati fl-ittra Nru SGS 272745 tas-27 ta' Marzu 2002.

Aktar minn sena għaddiet minn meta l-Gvern Nazzjonali Transizzjonali tal-Liberja ħa l-poter wara l-iffirmar tal-Ftehim ta' Paċi Konkret ta' Accra f'Awissu ta' l-2003. Issa huwa iż-żmien li wieħed jara l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-ftehim konkret ta' paċi u l-impenni li rriżultaw mill-konsultazzjonijiet imsemmija.

L-Unjoni Ewropea għandha l-pjaċir tinnota f'dan il-punt li s-sigurtà u l-kwiet reġgħu lura fil-pajjiż u li xi passi inizjali biex jiġu introdotti tibdiliet demokratiċi u għar-riforma ta' kif jaħdem is-settur pubbliku twettqu. Minkejja kollox, jibqa' inkwiet serju, dwar il-finanzi pubbliċi u t-tmexxija makro-ekonomiku tal-Gvern Nazzjonali Transizzjonali tal-Liberja u mill-impriżi ta' l-Istat, u dwar il-livell li dejjem jogħla ta' korruzzjoni. Minbarra dan, il-kummissjonijiet maħluqa taħt il-Ftehim ta' Paċi Konkret sa llum il-ġurnata urew progress insuffiċjenti fl-implimentazzjoni tal-mandati tagħhom biex itejbu l-iggvernar u t-trasparenza. Passi oħra fil-qasam tal-kwistjonijit tad-drittijiet tal-bniedem huma ukoll meħtieġa.

Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, l-Unjoni Ewropea tikkunsidra li l-Gvern Nazzjonali Transizzjonali tal-Liberja mhuwiex qed jaħdem għal kollox u operattiv u l-miżuri xierqa għalhekk għad ma jistgħux jiġu revokati għal kollox. Dan ser iseħħ la darba jiġu eletti b'mod demokratiku President u gvern li jidħlu għar-responsabbilitajiet tagħhom.

Għal dan il-għan, l-Unjoni Ewropea ddeċidiet li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/631/KE tal-25 ta' Awwissu 2003 ser tkun estiża għal perijodu ta' tmintax-il xahar. Matul dan il-perijodu, djalogu politiku intensiv irid jitkompla, fuq il-bażi ta' l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Sħubija ACP-EC u fuq il-bażi tar-riżultat tal-konsultazzjonijiet kif stipulat fl-ittra Nru SGS 272745 tas-27 ta' Marzu 2002, bil-għan li jitkomplu jiġu rispettati d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, id-dritt tal-liġi, u l-iggvernar tajjeb. Id-djalogu ser jinvolvi lill-Presidenza ta' l-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea u jinkludi verifiki politiċi li jsiru kull sitt xhur.

Fl-istess ħin, fuq il-bażi tal-miżuri xierqa definiti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/631/KE tal-25 ta' Awwissu 2003, sostenn għal proċess ta' paċi u għall-Programm ta' Qafas Transitorju li Jiffoka fuq ir-Riżultati ser ikompli.

Dejjem tiegħek,

*Għall-Kummissjoni*

Għall-Kunsill